MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1059/1991/1

**Paolo Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta "Paolo Bonnici Limited".**

**vs.**

**Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Ottubru 1991 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-15 ta' April, 1991 l-attur *nomine* importa mill-Ingilterra konsenja ta' 521 kaxxi ta' Coca Powder u 800 kaxxa *Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa) – Customs Entry* – Dok. "A" anness, li skond il-*Brussels Harmonized System Code* huma klassifikati fil-kapitolu 1806.10 u

soggetti ghad-dazju ta’ (15%) hmistax fil-mija – Estratt tal-*Harmonized System Code* annessi u markati Dok. “B” u Dok. “C”;

Illi l-konvenut arbitrarjament u llegalment ikklassifika it-tieni partita (800 kaxxa *Drinking Chocolate Sweetened Cocoa*) taht il-Kapitolu 1806.90 *OTHER* b’impozizzjoni ta’ dazju ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%);

Illi l-konvenut naqas li jirrivedi din l-impozizzjoni ta’ dazju bazata fuq klassifikazzjoni erroneja *nonostante* protest tat-2 ta’ Mejju, 1991; u naqas li jirrifondi lill-attur *nomine* tad-dazju zejjed imhallas b’konsegwenza ta’ l-istess;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li anke t-tieni partita importata f’Malta mill-attur *nomine* fil-15 ta’ April, 1991 ta’ 800 kaxxa *Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa)* ghandha tigi klassifikata u taqa’ taht il-kapitolu 1806.10 tal-*Brussels Harmonized System Code*, u mhux taht il-Kapitolu 1806.90 OTHER kif erronjament u arbitrarjament ikklassifikaha l-konvenut, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, u konsegwentement li d-dazju imponibbli hu ta’ hmistax fil-mija (15%) u mhux ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%); u

2. Tordna lill-konvenut jirrivedi l-klassifikazzjoni minnu maghmula konformament ma’ l-ewwel talba u konsegwentement tikkundannah jirrifondi lill-attur *nomine* dik is-somma li tigi likwidata mill-istess perit, rapprezentanti d-differenza fid-dazju kif korrettement impost.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tat-2 ta’ Mejju, 1991 bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana ipprezentata fis-6 ta' Novembru, 1991 a fol 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li *Sweetened Cocoa* kif inhu d-*Drinking Chocolate* importat mis-socjeta' attrici ma jaqax taht l-artikolu 18.06.10 fil-*Brussels Harmonised System Code*, izda l-artikolu 18.06.90 ta' l-istess *Brussels Harmonised System Code*;

2. Illi l-imposizzjoni ta' dazju hi ghalhekk ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) skond l-istess *Brussels Harmonised Code*;

3. Ghaldaqstant il-klassifika li nghatat tat-tieni partita mportata f'Malta mill-attur *nomine* fil-15 ta' April, 1991 ta' 800 kaxxa *Drinking Chocolate* hi dik taht il-Kapitolu 18.06.90 u d-dazju mponibbli hu ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) u m'ghandiex tigi milqugha l-ewwel talba ta' l-attur *noe*;

4. Illi wkoll lanqas m'ghandha tigi milqugha t-tieni talba ta' l-attur ghar-revizjoni tal-klassifikazzjoni u ghar-rifuzjoni ta' xi ammonti;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbali tal-21 ta' Jannar, 1992 fejn inghata digriet u gie nominat bhala Perit Legali l-Avukat Dr. Arthur Galea Salamone; tat-3 ta' April 1992; tal-15 ta' Gunju, 1992 fejn il-Perit Legali talab li jigi nominat Perit Tekniku sabiex jassistih, u l-Qorti nnominat li Professur Victor Ferrito bhala Perit Tekniku; tat-23 ta' Novembru, 1992; tad-19 ta' Frar, 1993; tat-3 ta' Mejju, 1993; tat-23 ta' Gunju, 1993; tat-3 ta' Novembru, 1993; tal-31 ta' Jannar, 1994; tat-18 ta' April, 1994; ta' l-10 ta' Ottubru, 1994; tat-23 ta' Jannar, 1995; tat-22 ta' Mejju, 1995; tat-28 ta' Gunju, 1995 fejn il-Periti Gudizzjarji halfu r-rapport; ta' l-20 ta' Novembru,

1995 fejn Dr. Rossignaud ghall-attur *nomine* talab li jeskuti lill-Perit Tekniku; tad-19 ta' April, 1996; tal-21 ta' Ottubru, 1996 fejn Dr. Rossignaud ghall-attur *nomine* talab illi l-Perit Tekniku jinghata inkarigu specifiku biex jirrispondi ghad-domandi li gew notifikati lilu fl-24 ta' Mejju, 1996. Rat id-digriet taghha ta' l-istess data fejn il-Qorti innominat lil Professur Ferrito bhala Perit Tekniku bl-inkarigu illi jirrispondi ghad-domandi li saru mill-attur *nomine* bin-nota tieghu tal-20 ta' Mejju, 1996 u li giet notifikata lill-istess Perit Tekniku fl-24 ta' Mejju, 1996; tat-13 ta' Jannar, 1997; tal-5 ta' Marzu, 1997; tas-16 ta' April, 1997; tat-2 ta' Gunju, 1997 fejn Dr. Rossignaud ghall-attur *nomine* iddikjara illi l-Perit Tekniku jinsab imhallas; tal-25 ta' Gunju, 1997; tas-7 ta' Novembru, 1997 fejn il-Professur Victor Ferrito halef ir-rapport ulterjuri tieghu; tal-11 ta' Frar, 1998; tal-15 ta' Mejju, 1998; tal-11 ta' Novembru, 1998 fejn Dr. Rossignaud talab biex il-Qorti tirrimetti l-process lill-Periti Gudizzjarji biex jaraw jekk ghandhomx ivarjaw il-konkluzjonijiet taghhom *in vista* tad-dokumenti minnu esebiti. Rat id-digriet taghha fejn il-Qorti laqghet it-talba u irrimettiet il-process lill-Periti Gudizzjarji sabiex jaraw jekk ghandhomx ivarjaw ir-relazzjoni peritali *in vista* tad-dokumenti li gew prodotti seduta *stante* mid-difensur ta' l-attur *nomine*; tal-24 ta' Marzu, 1999 fejn il-Qorti ordnat li l-process jigi rimess lill-Periti Gudizzjarji sabiex jirrelataw ulterjorment skond kif ordnati bid-digriet taghha tal-11 ta' Novembru, 1998; tat-12 ta' Novembru, 1999 fejn l-Qorti ordnat lill-Periti Gudizzjarji sabiex jibdew bl-inkarigu ulterjuri minnufih; ta' l-20 ta' Marzu, 2000 fejn il-Qorti ordnat lil Perit Tekniku l-Professur Victor Ferrito biex minnufih jaghmel kuntatt ma' Dr. Galea Salamone u mad-difensuri ghall-iskop li jigu iffissati seduti u jekk isib diffikulta huwa ghandu jirrikorri lejn il-Qorti biex tiffissalu seduti; tal-5 ta' Gunju, 2000 fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema` minn din il-Qorti kif preseduta; ta' l-14 ta' Novembru, 2000; ta' l-1 ta' Frar, 2001 fejn il-Qorti ordnat li ssir l-istess seduta (fid-19 ta' Frar, 2001) u li jsiru wkoll is-seduti kollha relattivi li jonqos jekk jonqos biex jinghalqu l-provi tal-partijiet; tal-15 ta' Mejju, 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-12 ta' Lulju, 2001 quddiem il-Qorti b'dan li dakinhar il-Qorti tordna li jidhru quddiemha l-Professur Victor Ferrito u l-Perit Legali

Arthur Galea Salamone taht is-sanzjonijiet ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti ghat-12 ta' Lulju, 2001 wara l-10.00a.m.; tat-12 ta' Lulju, 2001 fejn il-Perit Tekniku u l-Perit Legali ikkonfermaw bil-gurament taghhom li zammew is-seduta ordnata mill-Qorti u l-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport; tat-28 ta' Novembru, 2001 fejn il-Periti Gudizzjarji halfu r-rapport taghhom; tas-17 ta' Jannar, 2002fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza; tat-30 ta' April, 2002 fejn il-Qorti iddiregiet lill-attur sabiex jaghmel rikors opportun dwar in-nota tal-21 ta' Marzu, 2002 b'notifika lill-kontro-parti li jkollha jumejn zmien ghar-risposta u tordna wkoll in-notifika tan-nota tal-21 ta' Marzu, 2002 lill-kontro-parti; tad-29 ta' Ottubru, 2002; tal-4 ta' Frar, 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni; tas-6 ta' Mejju, 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-llum;

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Arthur Galea Salamone datat 27 ta' April, 1993 fejn talab lil din il-Qorti, diversament presjeduta, sabiex tordna depozitu ta' hamsa u sebghin liri Maltin (Lm75.00) biex ikopru l-ispejjez li l-perit tekniku ser jinkorri biex jaqdi l-inkariku tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Mejju, 1993 fejn il-Qorti, laqghet it-talba u ordnat lill-attur *nomine* sabiex jiddepozita f'idejn ir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li iridu isiru f'din il-kawza;

Rat ic-cedola ta' depozitu ta' l-attur *nomine* a fol. 24 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur *nomine* a fol. 88 tal-process u li fiha l-istess attur *nomine* pogga diversi domandi in iskritt lill-Perit Tekniku Professur Victor Ferrito;

Rat ir-risposta ta' l-Espert Tekniku l-Professur Victor Ferrito a fol. 104 tal-process u dan in segwitu tan-notaipprezentata mill-attur *nomine* a fol. 88 tal-process;

Rat ir-rikors tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 116 tal-process ipprezentat fit-13 ta' Novembru, 1998 fejn huwa talab illi

din il-Qorti tordna lis-socjeta attrici biex qabel ma l-process jerga' jigi rimess lill-Perit Tekniku, turi lill-Qorti li hija fil-fatt ma gabritx id-dazju issa reklamat minn ghand l-esponent minghand ix-xerrejja meta bieghet il-merkanzija mportata fis-suq fl-1991;

Rat ir-risposta tas-socjeta attrici a fol. 118 tal-process ipprezentata fit-30 ta' Novembru, 1998 fejn hija talbet lill-Qorti sabiex jekk hija tesigi li ssir il-prova mitluba mill-konvenut f'dan l-istadju, s-socjeta attrici tinghata aktar zmien, biex ikun possibbli li ssir l-verifika mitluba.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Jannar, 1999 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut, kontenuta fir-rikors tieghu tat-13 ta' Novembru, 1998 u ordnat illi qabel mal-process jigi rimess lill-periti gudizzjarji biex jistharrgu jekk ghandhomx ivarjaw ir-relazzjoni peritali taghhom, is-socjeta attrici taghmel il-prova li hija fil-fatt ma gabritx id-dazju issa reklamat minghand il-konvenut minghand ix-xerrejja meta bieghet il-merkanzija mportata fis-suq fl-1991 u dan fi zmien xahar mill-lum.

Rat in-nota tas-socjeta attrici datata 16 ta' Frar, 1999 a fol. 121 tal-process fejn gie dikjarat illi *"jidher li d-dazju kien inkluz fis-selling price ta' 56 cents".* Rat illi fl-istess nota s-socjeta attrici talbet li l-process jigi rimess lill-perit tekniku kif din l-Qorti ddekretat fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 1998.

Rat ir-rikors tal-Kontrollur tad-Dwana datat 25 ta' Frar, 1999 a fol. 126 tal-process fejn huwa talab illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tammetti fil-process ir-risposta li ghal skopijiet prattici huwa qieghed jipprezenta kontestwalment ma' dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-konvenut ghan-nota tas-socjeta attrici tas-16 ta' Frar, 1999 u li fiha huwa issottometta illi "*la darba l-iskop kollu ta' din il-kawza huwa r-rifuzjoni ta' ammont ta' dazju allegatament imhallas hazin u la darba issa irrizulta illi s-socjeta attrici fil-fatt gabret id-dazju li hallset (u anke ghamlet profitt fuqu) meta bieghet il-prodott, jirrizulta li din il-kawza hija u minn dejjem kienet*

*mankanti mill-element ta' nteress guridiku*". Il-konvenut talab illi *"huwa ghandu jigi liberat mit-talbiet stante r-rizultanti karenza ta' nteress guridiku tas-socjeta attrici sa mindu inbdiet il-kawza".*

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici a fol. 153 tal-processipprezentat fit-22 ta' Frar, 2002 fejn hija talbet lill-Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex il-partijiet ikollhom l-opportunita` li jittrattaw il-konkluzjonijiet peritali;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Marzu, 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat in-nota tas-socjeta attrici a fol. 156 tal-process ipprezentata fil-21 ta' Marzu, 2002 u li permezz taghha ezebiet bhala Dokument "PBL-PH" l-opinjoni ta' l-espert tal-kumpaniji li tipproduci l-prodott in kwistjoni, dwar l-interpretazzjoni korretta tal-konkluzjoni ta' l-espert tekniku nominat minn din il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici a fol. 159 tal-process ipprezentat fit-3 ta' Mejju, 2002 fejn hija talbet lill-Qorti sabiex tigi awtorizzata tipproduci l-istess dokument ghall-ahjar istruzzjoni tal-process, salv kull provvediment opportun, partikolarment n-notifika tal-kontro-parti bir-rikors u bin-nota u li din jkollha l-opportunita` li tikkumenta dwar l-istess;

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 162 tal-process ipprezentata fl-14 ta' Mejju, 2002 fejn talab illi l-Qorti tichad it-talba kontenuta fir-rikors;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Frar, 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba tas-socjeta attrici fir-rikors taghha premess, *stante* li tali dokument gie prezentat wara l-gheluq tal-provi, u ghalhekk tordna l-isfilz ta' l-istess dokument a fol. 166 sa 168 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-relazzjonijiet kollhaipprezentati mill-Periti Gudizzjarji u cjoe' dawk tat-22 ta' Mejju, 1995 a fol. 33 *et seq*. tal-process u tas-27 ta' Novembru, 2001 a fol. 148 *et seq*. tal-process kif ukoll ir-risposta tal-Perit Tekniku l-Professur Victor Ferrito ipprezentata fit-13 ta' Dicembru, 1996 a fol. 104 *et seq*. tal-process;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza l-attur *nomine* qieghed jitlob illi l-Qorti tiddikjara illi t-tieni partita importata f'Malta minnu fil-15 ta' April, 1991 ta' 800 kaxxa *Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa)* ghandha tigi klassifikata u taqa' taht il-kapitolu 1806.10 tal-*Brussels Harmonized System Code*, u mhux taht il-Kapitolu 1806.90 *OTHER* kif erronjament u arbitrarjament ikklassifikaha l-konvenut, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u konsegwentement li d-dazju imponibbli hu ta' hmistax fil-mija (15%) u mhux ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%); u konsegwentement tordna lill-konvenut jirrivedi l-klassifikazzjoni minnu maghmula konformament ma' l-ewwel talba u konsegwentement tikkundannah jirrifondi lill-attur *nomine* dik is-somma li tigi likwidata mill-istess perit, rapprezentanti d-differenza fid-dazju kif korrettement impost.

Illi l-konvenut Kontrollur tad-Dwana minn naha l-ohra qieghed jghid illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li *Sweetened Cocoa* kif inhu d-*Drinking Chocolate* importat mis-socjeta' attrici ma jaqax taht l-artikolu 18.06.10 fil-*Brussels Harmonised System Code*, izda l-artikolu 18.06.90 ta' l-istess Brussels Harmonised System Code. Minhabba f'hekk, l-imposizzjoni ta' dazju hi ghalhekk ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) skond l-istess *Brussels Harmonised Code*. Illi ghalhekk, jghid il-Kontrollur tad-Dwana l-klassifika li nghatat tat-tieni partita mportata f'Malta mill-attur *nomine* fil-15 ta' April, 1991 ta' 800 kaxxa *Drinking Chocolate* hi dik taht il-Kapitolu 18.06.90 u d-dazju mponibbli hu ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) u m'ghandhiex tigi milqugha l-ewwel talba ta' l-attur *noe*. Konsegwentement

jghid illi l-anqas m’ghandha tigi milqugha t-tieni talba ta’ l-attur ghar-revizjoni tal-klassifikazzjoni u ghar-rifusjoni ta’ xi ammonti.

Il-Qorti rat l-ewwel rapport peritali u senjatament dak a fol. 33 tal-process fejn inghad fost affarijiet ohra illi:

*“11. Illi dwar il-klassifikazzjoni passata tal-prodott, fis-seduta tas-6 ta’ April, 1992, l-attur xehed “illi s-socjeta attrici ilha timporta l-Cadbury’s Drinking Chocolate ‘il fuq minn 23 (tlieta u ghoxrin) sena u dan il-prodott dejjem gie ikklassifikat taht 1806.10.00 u cjoe` soggett ghal dazju ta’ 15% (hmistax fil-mija).*

*Illi imbaghad fil-kontro-ezami tat-18 ta’ Jannar, 1993 l-attur Pawlu Bonnici xehed illi “l-ewwel darba li d-Dwana m’accettawx l-entry taghna b’rata ta’ 15% (hmistax fil-mija) kien f’April, 1991.*

12. Illi din ix-xhieda tikkuntrasta ma’ dik tas-*Senior Customs Analyst* Victor Sammut moghtija fid-9 ta’ Novembru 1992 fejn xehed is-segwenti:
*“Jiena ili analista d-Dwana minn Frar ta’ l-1969 u minn dejjem naf li l-Cadbury’s Drinking Chocolate u kwalunkwe Drinking Chocolate iehor dejjem gie ikklassifikat bhala “Other Food Preparations containing Cocoa”, kif distinta minn Cocoa Powder (Sweetened). Din il-klassifika kienet dejjem accettata mill-impurtaturi u xi sena ilu saret oggezzjoni mill-attur nomine fejn talab illi l-prodott jigi klassifikat bhala “Cocoa Powder containing sugar.*

*14. Illi l-klassifikazzjoni passata tal-prodott huwa fatrtur rilevanti izda fih innifsu mhux necessarjament determinanti ghal-kaz in kwistjoni stante li setghu ghall-grazzja ta’ l-argument tbiddlu l-ingredjenti. Di piu’ jekk ghal-grazzja ta’ l-argument il-Kontrollur tad-Dwana kien qed jikklassifika il-prodott erronjament fil-passat dan m’ghandux ghalfejn ikun kostrett ikompli bl-izball tieghu perennement;*

*15. Illi l-esponenti jhossu li huwa essenzjali li jigi determinat liema huma l-ingredjenti tal-prodott in kwantu*

*una volta li ssir din id-determinazzjoni il-kwistjoni tista tirrisolvi ruhha b'semplici klassifikazzjoni ai termini tal-Brussels Harmonised System Code;*

*16. Illi skond il-Brussels Harmonised System Code huma kklassifikati taht is-sub artikolu 1806.10.00 u ghalhekk soggetti ghal 15% dazju, "Cocoa powder containing added sugar or other sweetening matter";*

*17. Illi minn naha l-ohra huma klassifikati taht is-sub Artikolu 1806.90.00 Other, prodotti fost ohrajn li jaqghu taht il-kappa ta' Other (Food Preparations Containing Cocoa) izda li ma jaqghux taht is-sub Artikoli 1806.10.00, 1806.20.00, 1806.31.00, 1806.32.00;*

*18. Illi jidher ghalhekk li l-klassifikazzjoni tal-prodott hija determinata mill-ingredjenti tal-prodott in kwantu prodott li fih ingredjenti ohra barra "Cocoa and sugar or other sweetening matter" m'ghandux jigi kklasifikat taht is-sub-artikolu 1806.10.00;*

*20. Illi ic-certifikat, bla data mahrug minn Cadbury International Limited u ffirmat minn WA Hart B.Sc MIFST Technical Laborotaries jghid is-segwenti:*

*To whom it may concern we hereby certify that:*

*The following products manufactured for Cadbury International Limited have been widely offered for sale in appropriate packaging and sizes within the UK. They are manufactured in accordance with the UK food legislation. All colours, flavours and additives are permitted for food use in the UK.*

*Drinking Chocolate*

| | |
|---|---|
| *Sugar* | *69.75%* |
| *Cocoa* | *27.75%* |
| *Moisture* | *2.50%"* |

*21. Illi l-esponenti ma jifhmux ir-riferenza ghall-"colours, flavours and additives" meta mill-istess certifikat jirrizulta*

*li, skond Cadbury International Limited, l-unici ingredjenti tad-Drinking Chocolate huma fil-fatt "sugar, cocoa u moisture.*

*23. Illi a bazi tal-fuq imsemmija ingredjenti is-socjeta attrici qed isostni li l-prodott ghandu jigi kklassifikat taht l-artikolu 1806.10.00. Hekk xehed Paolo Bonnici fis-seduta tas-6 ta' April, 1992 "…Nghid li l-komposizzjoni kif deskritta fid-Dokument illum esebit taqbel perfettament mad-deskrizzjoni 1806.10 tal-Harmonised System Code".*

26. Illi l-istess *Senior Customs Analyst* innifsu jaqbel mal-asserzjoni ta' l-attur li prodott li ghandu bhala ingredjenti "*sugar, cocoa, moisture*" ghandu jigi klassifikat taht l-artikolu 1806.10.00 Fil-fatt fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 1992 is-Sur Victor Sammut xehed hekk:-
"*Jiena ghandi nghid illikieku l-ingredjenti tal-prodott kienu biss sugar, cocoa u moisture kont nikklassifikah taht 1806.10.00 u cioe soggett ghal 15% dazju*.

*27. Illi pero` jidher li l-konvergenza tal-opinjonijiet tas-Senior Customs Analyst u s-socjeta attrici s'hawn tasal u hemm divergenza ta' opinjonijiet fuq l-ingredjenti tal-prodott innifsu u allura fuq ir-riklassifikazzjoni;*

*28. Illi s-Senior Customs Analyst Victor Sammut fil-fatt xehed li kklassifika l-prodott taht 1806.90.00 OTHER a bazi ta' informazzjoni li allegatament ra f'dokument li ntwera lilu minn rappresentant mhux identifikat tas-socjeta attrici li l-prodott Cadbury's Drinking Chocolate kellu bhala ingredjenti cocoa powder, sugar, lecithine, salt and aroma;*

*29. Illi s-Senior Customs Analyst xehed li l-lecithine m'huwiex "sugar jew sweetening matter" imma jintuza biex il-prodott ikun aktar emulsifiable u prodott li fih il-lecithine bhala ingredjent ma jistax jigi klassifikat bhala Cocoa powder containing added sugar or other sweetining matter u cioe taht is-subartikolu 1806.10.00;*

*32. Illi huwa rilevanti pero` li l-bott tal-Cadbury's Drinking Chocolate prodott mill-konvenut fis-seduta tal-14 ta'*

*Dicembru, 1992 jindika bhala ingredjenti “Sugar, cocoa, salt u flavouring” u mhux “Sugar, cocoa u moisture” waqt li l-bottijiet ipprezentati mill-attur nomine fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 1992 li minnhom ittiehdu l-kampjuni ghall-analizi kellhom is-segwenti indikazzjoni fuq il-bott: “Cocoa solids 25% minimum. Ingredients: Sugar, Cocoa.*

*33. Illi d-determinazzjoni ta’ l-ingredjenti tal-prodott huwa essenzjali in kwantu il-presenza ta’ sustanzi ohra barra cocoa, sugar u other sweetining matter jgib mieghu il-konsegwenza ta’ Klassifikazzjoni taht is-sub artikolu 1806.90.00 u mhux 1806.10.00;*

*34. Illi izjed milli janalizza l-prodott ghall-ingredjenti tieghu kollha ir-rizorsi tal-perit tekniku jippermettu li ssir accertazzjoni ta’ prezenza ta’ ingredjenti specifici;*

*35. Illi billi hemm divergenza fuq il-presenza tal-lecithin il-perit tekniku analizza l-kampjun ta’ Cadbury’s Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa) ghall-prezenza tal-lecithin;*

*37. Illi l-esponenti jaqblu li lecithine mhuwiex “sugar jew sweetening matter” imma jintuza biex il-prodott ikun aktar emulsifiable. Illi l-esponenti jaqblu wkoll li fil-cocoa beans m’hemmx lecithine u allura prodott li fih ukoll il-lecithine ghandu addittiv iehor u ghalhekk ma jistax jigi klassifikat bhala “Cocoa powder containing added sugar or other sweetening matter” u cjoe` taht is-subartikolu 1806.10 izda taht is-sub-artikolu 18.06.90 OTHER;*

*38. Illi l-perit tekniku uza l-metodu ufficjali tal-AOAC (Association of Official Analytical Chemists) 1990 No 949.07 biex jiddetermina jekk hemmx lecithine fid-Drinking chocolate u jekk fl-affermattiv f’liema kwantita hija prezenti s-sostanza;*

*39. Illi fil-fatt wara analisi skond il-metodu ufficjali irrizulta li l-kampjun tal-Cadbury’s Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa) kien fih 0.27% lecithin;*

*40. Illi una volta stabbilit li l-prodott Cadbury’s Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa) fih ingredjenti ohra barra*

*Cocoa, sugar or other sweetening matter isegwi li l-prodott ma jaqax taht il-kategorija 1806.10.00 "Cocoa Powder containing sugar or other Sweetening Matter" izda taht il-kategorija 1806.90.00 Other;*

*41. Illi Cadbury Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa) huwa ghalhekk soggett ghal 25% (Hamsa u ghoxrin fil-mija) dazju";*

Illi ma' din il-konkluzzjoni l-attur *nomine* ma qabilx tant illi a fol. 88 u 89 tal-process ipprezenta hames domandi, in eskussjoni, lill-Perit Tekniku.

Illi l-espert Tekniku wiegeb ghal dawn il-mistoqsijiet kif jirrizulta mir-relazzjoni ulterjuri tieghu esebita a fol. 104 u 105 tal-process.

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-Periti Gudizzjarji a fol. 148 sa 151 tal-process u li permezz tieghu, irrizulta mix-xhieda ta' Joseph Falzon, *accountant* mas-socjeta Paolo Bonnici Limited illi "*l-klassifikazzjoni tal-prodott minn 18.06.10 ghall-18.06.90 irrizultat fi spiza addizjonali ta' erba' mija u tmintax-il Lira Maltija (Lm418) u gie rrelevat li minhabba din il-klassifikazzjoni il-prezz ghall-konsumatur irrizulta oghla minn qabel, u dan seta` kien ta' pregudizzju ghas-socjeta attrici"*.

Min dan ir-rapport il-Qorti ser tislet is-segwenti paragrafi:-

*6. "Illi l-periti gudizzjarji ikkunsidraw bir-reqqa d-dokumenti prodotti mis-socjeta attrici;*

*10. Illi jigi rrimarkat illi l-metodi kollha ippublikati bhala "Official Methods of Analysis" mill-AOAC huma kollha metodi mahsuba u validati sewwa;*

*11. Illi l-metodu li huwa xjentifikament validat ifisser illi l-metodu gie iccekjat kemm-il darba biex ir-rizultat li jaghti juri l-kontenut veru ta' dak li wiehed qed janalizza. Dan isir sew mill-analista li jizviluppa il-metodu u anki mill-AOAC stess billi tuza s-servizzi tal-hafna membri taghha f'dak l-hekk imsejjah "corroborative study". F'dan l-ezercizzju*

*ssoltu jkunu involuti bejn 10 u 20 laboratorji differenti u fl-ezercizzju jintuzaw l-hekk imsejha "Reference Materials" jigifieri l-istess materjali li fuqhom ser isir l-analisi u li l-kontenut taghhom huma maghruf. B'hekk "l-accuracy" jigifieri kemm ir-rizultat ikun vicin tal-veru kontenut, tigi stabbilita.*

*12. Illi l-precizjoni tal-metodu hija wkoll stabbilita b'mod li ssir maghrufa l-varjanza li tista tkun hemm bejn analizi u ohra jekk wiehed jirrepeti l-analizi u dana hafna drabi. Din il-varjanza tezisti f'kull kejl u ma tistax telliminha jekk mhux billi ssib metodu aktar preciz – "Random Error". Illi dan isir fiz-zewg fasi ta' l-istudju; l-ewwel mill-analista li jizviluppa l-metodu u imbaghad mill-AOAC, mifrux fuq hafna laboratorji;*

*13. Illi huwa biss meta l-metodu juri bic-car li huwa validu li allura l-AOAC tippublikah bhala metodu ufficjali. Dan ifisser li l-metodu jista jintuza f'analizi ufficjali minn laboratorji ghal tal-apposta u indipendenti;*

*14. Illi l-metodu "lecithin in Cocoa Fat" 940.07 kien gie ippublikat fl-edizzjoni 15 tal-1990 uma nbidilx fl-edizzjoni 16 tal-1995 li ghadha l-edizjoni prezenti;*

*15. Illi fl-imsemmi metodu, liema metodu ntuza mill-perit tekniku sottoskritt, la hemm riferenza ghall-"phospholipids" ohrajn u lanqas hemm inkluz xi korrezzjoni li ghandha ssir ghall-"phospholipids" ohrajn;*

*16. Illi ghalhekk wiehed ikollu jasal ghall-konkluzzjonili l-metodu kif ippublikat janalizza biss il-lecitina u s'intendi dik mizghuda.*

*17. Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-periti gudizzjarji ma jaraw ebda raguni ghalfejn ghandhom ibiddlu l-konkluzzjonijiet taghhom precedenti u ghalhekk jikkonfermaw illi wara analisi skond il-metodu ufficjali irrizulta li l-kampjun tal-Cadbury's Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa) kien fih 0.27% lecithin";*

Illi l-Periti Gudizzjarji regghu irribadew ghal darb'ohra illi *"19. Cadbury Drinking Chocolate (Sweetened Cocoa) huwa ghalhekk soggett ghal 25% (Hamsa u ghxorin fil-mija) dazju".*

Illi l-attur *nomine* fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid illi "*apparti d-dokument imsemmi, is-socjeta attrici ilha s-snin, tul il-kors kollu tat-trattazzjoni ta' din il-kawza tafferma u tikkonferma li meta jsir il-prodott ma tixdidx mieghu l-'lecithin' u illi jekk instabu tracci taghha, din hi 'naturally occurring' u mhux mizjuda. Din il-pozizzjoni m'hiex kontrastanti mal-konkluzjoni peritali – pero` hi kwalifika importanti u determinanti ghal din il-kawza. Li kieku irrizulta li l-'lecithin' kien mizjud ma' l-ingredjenti l-ohra, allura l-klassifika maghmula mill-konvenut "Other" hi korretta; pero billi rrizulta li l-'lecithin' ma tizdidx ma' l-ingredjenti l-ohra fil-produzzjoni tal-Cadbury's Drinking Chocolate, allura l-klassifika korretta hi dik indikata mis-socjeta attrici, cjoe` kapitolu 1806.10 tal-Brussels Harmonized System Code u ghalhekk soggetta ghad-dazju ta' 15% u mhux 25%*".

Illi l-ligi taghna fin-1995 dahlet il-kuncett ta' xhud *ex parte*. Di fatti l-**artikolu 563A tal-Kapitolu 12** tal-ligijiet ta' Malta jghid illi:

*(1) "Meta persuna tissejjah bhal xhud, l-opinjoni taghha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata taghti xiehda bhala espert, ghandha tintlaqa' bhala xiehda biss jekk, fil-fehma tal-Qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki mehtiega dwar dik il-kwistjoni.*

*(2) Meta persuna tissejjah bhala xhud, dikjarazzjoni ta' opinjoni li ssir minnha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha m'hijiex kwalifikata taghti xiehda bhala espert, jekk din ix-xiehda tinghata b'mod li jinghadu fatti rilevanti li jkunu gew konstatati personalment minnha, ghandha tkun ammissibbli bhala prova ta' dak li dik il-persuna tkun hemm ikkonstatat.*
*(3) L-opinjoni moghtija minn persuna skond id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandha tkun minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 681** u*

*ghas-seta` tal-Qorti li tahtar perit skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 646**.*

Illi f'din il-kawza kien hemm opinjoni ta' miz-zewg partijiet, opininjonijiet li huma *ex parte.* Opinjoni teknika fuq kull naha. Il-Qorti f'kazijiet ta' natura teknika ghandha dejjem tara li hija jkollha persuna teknika f'dan il-qasam sabiex jghinha tasal ghall-konkluzjonijiet taghha indipendentement minn kif jahsbu u jghidu x-xhieda prodotta *ex parte*. Dan il-ghaliex, dawn ix-xhieda, huma ta' parti u mhux tal-Qorti. Kien ghalhekk illi l-legislatur fis-**subartikolu (3) tal-artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** halla d-diskrezzjoni f'idejn il-Qorti jekk ghandhiex jew le tahtar hija ukoll espert biex jghinha tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

Illi kien ghalhekk illi l-Qorti innominat Perit Tekniku fuq talba tal-Perit Legali nominat minnha fil-21 ta' Jannar, 1992.

Illi jinghad ukoll illi a tenur ta' l-**artikolu 681 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** "*Il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha*".

Illi pero' din l-Qorti ma tistax tiskarta opinjoni ta' natura prettament xjentifika bhal dan il-kaz u f'kaz illi tiddeciedi li tiskartah, hija *"ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 –

Ll.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandhux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment a meno che' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".* Illi dan kollu gie kkonfermat fis-sentenza **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002).
Illi fil-fatt abbazi tal-premess jidher li l-konkluzjoni tal-perit tekniku dwar l-aspett tekniku tal-vertenza odjerna huwa addirittura kategoriku u l-konkluzjoni hija wahda skjetta u cara.

Illi din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-konsiderazzjonijiet tal-Perit Tekniku l-Professur Victor Ferrito huma korretti u minghajr esitazzjoni tafferma li qeghda taddotthom u tiskarta l-opinjoni tal-espert *ex parte* ta' l-attur *nomine*.

Illi jidher ukoll car li l-istess rizultanzi tal-perit tekniku ma gewx ikkontestati bi provi konkreti mill-attur *nomine,* hlief b'dokumentazzjonijiet da parti ta' l-attur *nomine* – li wara li gew ezaminati mill-espert tekniku rega' ikkonferma l-konkluzjonijiet minnu raggunti. L-attur *nomine* ma hassx il-htiega li jitlob in-nomina ta' periti perizjuri, u ghalhekk fuq l-iskorta ta' l-istess din il-Qorti taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet ta' l-istess perit tekniku, l-Professur Victor Ferrito u tal-Perit Legali Dr. Arthur Galea Salamone.

*In vista* ta' dan, il-Qorti ma hijiex sejra tikkonsidra t-tieni talba ta' l-attur *nomine* anke jekk xejn minhabba l-fatt illi l-attur *nomine,* kif huwa stess jistqarr a fol. 121 tal-process *"jidher li d-dazju kien inkluz fis-selling price ta' 56 cents"*. Di fatti t-tieni talba ta' l-attur *nomine* kienet dwar rifuzjoni ta' dazju. Illi b'din l-affermazzjoni l-istess attur *nomine* jaghti kolp fatali ghall-akkoljiment ta' din l-istess tieni talba, jekk kienet tintlaqa` l-ewwel talba, haga li kif diga` inghad ma hijiex ser tintlaqa`.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, il-Kontrollur tad-Dwana **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur *nomine*.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------